# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 20 ta' Marzu,2002**

**Numru 2**

**Avviz. numru 551/99mm**

**Bad Boy Cleaning Services Limited gia Bad Boy General Cleaners Limited**

**vs**

**Mario Ebejer**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fis-16 ta' April 1999 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas is-somma bilancjali ta' mitejn u disghin lira Maltin (Lm290) oltre l-imghax legali, liema ammont jirrapprezenta diversi invoices ghal xoghol ta' maintenance li ghamlet is-socjeta' attrici fil-fond 68 St Albert Street, Gzira f'dawn l-ahhar xhur fuq istruzzjonijiet tal-konvenut.

Bl-ispejjez komprizi l-ittra legali tat-12 ta' Jannar 1999 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-ebda ammont ta' danni ma huma dovuti.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ix-xogholijiet li kellhom isiru mis-socjeta' attrici ma sarux skond ma titlob l-arti u s-sengha u konsegwenza ta' dan kien l-attur illi sofra danni.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tal-21 ta' Marzu, 2000 fejn ordnat illi din il-kawza timxi kontestwalment ma' kawza fl-ismijiet inversi bin-numru 552/99mm fejn ukoll innominat lil Vincent Ciliberti bhala Perit Tekniku biex jirrelata dwar it-talbiet tas-socjeta' attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Rat illi r-rapport gie pprezentat fl-4 ta' Dicembru,2001 u mahluf fid-29 ta' Jannar 2002.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' skrittura privata ta' l-14 ta' Ottubru 1998 il-partijiet kienu ftehmu li s-socjeta' attrici tesegwixxi certa xogholijiet bhal tnehhija tal-madum, tqeghid ta' madum gdid,

tibjid, kisi u tindif generali tal-post ghac-cifra ta' sitt mija sebgha u sittin lira (Lm667.00).

Dan ix-xoghol gie esegwit, pero' l-konvenuti qieghdin ighidu illi ma sarx skond l-arti u s-sengha u ghalhekk m'ghandhomx ihallsu dak l-ammont illi gie mitlub minnhom mis-socjeta' attrici. Biex jiggustifikaw l-ilment taghhom il-konvenuti pprezentaw certifikat tal-Perit Kevin Abela datat 12 ta' Mejju 1999.

Il-Qorti rat ir-rapport tat-Tekniku minnha nominat fejn irrizulta illi dana qabel perfettament mal-konkluzzjonijiet illi wasal ghalihom il-Perit Abela. Irrizultalu illi x-xogholijiet maghmula mis-socjeta' attrici ma kienux skond l-arti u s-sengha u kienet ser tinvolvi cifra mhux hazin sabiex jitrangaw il-hsarat illi gew ikkawzati mill-istess socjeta' attrici.

F'wiehed mill-paragrafi konkluzzjonali tieghu l-perit tekniku kkonkluda illi *"certament, ix-xoghol sar b'nuqqas kbir ta' attenzjoni ghar-rigward ta' kif titlob is-sengha u l-arti. Il-hitan mhux talli mhux invjati, imma talli jirrizulta bl-aktar mod konvincenti li l-aktar li setgha sar kien li ntlew il-fili. Ghal kumplament ta' xoghol ta' kisi u tibjid lanqas li jista jinghad huwa kif ampjament deskritt ferm tajjeb fir-rapport tal-perit Kevin Abela ossia li 'the situation that exists is a far cry from this specification. The result is an obvious low quality standard of finish'."*

Il-Qorti ezaminat ir-relazzjoni tat-Tekniku minnha nominat u taqbel perfettament ma' l-argumenti minnu migjuba u l-

konkluzzjonijiet milhuqa. Peress illi ma ngabux argumenti jew provi ohra ghalxiex dawn il-konkluzzjonijiet tal-perit Tekniku ghandhom jigu mibdula, l-Qorti ma tarax illi ghandha tiddisturba dawn l-istess konkluzzjonijiet illi jghidu bla ebda tlaqlieq illi s-socjeta' attrici wettqet ix-xoghol kollu b'mod traskurat u zgur li mhux skond l-arti u s-sengha, ghalhekk din l-istess socjeta' ma jisthoqqilhiex illi tiehu kumpens ghal dan ix-xoghol.

Fil-fatt f'sentenza moghtija fit-13 ta' Jannar 1995 fl-ismijiet Lino Borg vs Anthony u Alice konjugi Buttigieg Depiro il-Prim Awla tal-Qorti Civili qalet illi *"appaltatur mhu intitolat ghal ebda kumpens sakemm ma jottemprax ruhu mal-ftehim ta' l-appalt, jigifieri li jesegwixxi x-xoghol skond l-arti u s-sengha u skond il-ftehim".* F'dan il-kaz il-Qorti affermat ukoll illi l-appaltatur ma kienx intitolat lanqas ghal xi parti mill-prezz ghax-xoghol illi ghamel u dana kemm ghar-raguni li l-konvenuti ma kienux obbligati li jhallsu xejn qabel ma jigi esegwit l-appalt skond il-ftehim, kif ukoll ghaliex kien gie pruvat li ebda parti mill-appalt ma sar skond l-arti u s-sengha (ara wkoll Marc Spiteri vs David Conway Noe Prim Awla 6 ta' Marzu,1998).

Meta s-socjeta' attrici accettat l-appalt hija kellha taghti garanzija li x-xoghol jsir sew (Anthony Galea vs Raymond Gatt Prim Awla deciza fl-25 ta' Marzu,1994). Dan ifisser illi ghandha tkun attenta ghal haddiema li timpjega u jekk dawna jkunu

nkompetenti, r-responsabbilta' hija taghha ghax ma tkunx wettqet l-obbligi taghha taht il-garanzija li tat lil min ikun ikkummissjonalha x-xoghol, li ghandu d-dritt izomm lura l-

pagament sakemm ix-xoghol jibqa' fl-istat li hu. Il-kondizzjonijiet tal-artikolu 1640 (3) ma jipplikawx f'dan il-kaz ghax ma hemm xejn tajjeb fix-xoghol li wettqet is-socjeta' attrici. Ix-xoghol sar kollu hazin u ghalhekk l-ebda kumpens taht l-ebda forma ma hu dovut.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta u tiddeciedi li tichad it-talba tas-socjeta' attrici, bl-ispejjez kontra taghha.

Anthony Zammit
Dep Reg